Merħba

Ara l-aħħar aġġornament fuq ittrAĦBAR maħruġ mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni - Ħamrun

5, Warda
Pjazza Kappillan Muscat
Ħamrun ĦMR 1880

bandakuncizzjoni

ittrAĦBAR

Tista tabbona billi tibagħtilna fl'indirizz bandakuncizzjoni@hotmail.com jew tidħol fis-sit uffiċċjali tas-soċjeta' www.bandakuncizzjoni.org

Is-Soċjeta' tagħna hija affiljata ma' dawn l-entitajiet:



Il-Bandist

06

TIENI EDIZZJONI

HARĠA NO.06 MARZU 2022

Werrej

3 **Pjan Operattiv 2022 - 2024**
Introduzzjoni

4 **Pjan Operattiv 2022 - 2024**
Insaħħu li għandna

5 **Pjan Operattiv 2022 - 2024**
Inkattru l-Kultura Maltija

6 **Pjan Operattiv 2022 - 2024**
Inkunu Inklussivi

7 **Pjan Operattiv 2022 - 2024**
Għeluq - Laqgħa Ġenerali

8 **Arkivju Ġdid**
Proġett ġdid

9 **Proġetti Ġodda fil-Każin tagħna**
Stairlift ġdid u restawr tat-toilet

10 **Proġetti Ġodda fil-Każin tagħna**
Pannelli u Restawr tal-Faċċata

11 **L-Akbar Ġrajja**
Fidwa u Toqol

12 **Tagħlim ta' Mużika b'xejn**
Opportunita'

Il-kumitat jħeġġeġ sabiex tibqgħu aġġornati bl-attivitajiet, xogħol fil-każin u sejħiet għall-offerti ta' Xogħol, mis-sit uffiċjali tas-Soċjeta'

Board Editorjali jixtieq jistieden lil dawk il-membri jew persuni oħra sabiex min jixtieq li jikteb xi artiklu f'din ir-rivista jista' jagħmel dan billi tibgħatu l-materjal tagħkom b'e-mail.
Il-kumitat jirriserva d-dritt li ma jippublikax l-artiklu, jekk ma jkunx xieraq.

Inħeġġukom biex tersqu lejn l-każin u tagħtu l-kontribut tagħkom filwaqt li nwaslulkom l-

Awguri għall-Għid il-Kbir

Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni - Ħamrun AD 1979

Log In

Daħla Dwarna Kalendarju Manuskritti Pubbliċi Il-Bandist Ħiliet Artistiċi Ħoloq Ikkuntatjana Avviżi Tenders/Sejħiet Membri

Żur is-sit Uffiċjali tas-Soċjeta' tagħna għall-aħħar aġġornamenti

Insaħħu li għandna, Inkattru l-Kultura Maltija, Inkunu Inklussivi

Għeżież,

bħala kumitat ġdid qed inkomplu naħdmu fuq dak li sar minn ta' qabilna. Propju fis-27 ta' Novembru 2021, wara li sar is-seminar, "Insaħħu dak li ksibna maż-żmien", organizzat mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni għall-Għaqdiet Volontarji fil-Ħamrun flimkien mal-Gvern, s-Soċjetajiet Ċivili u l-Għaqdiet mhux Governattivi, sar ir-rapport fuq dak li ħareġ mis-seminar. F'dan is-seminar iddiskutejna kif nistgħu naħdmu flimkien, fejn filwaqt li kulħadd iżomm l-identita tiegħu, nsaħħu l-koperazzjoni bejnieta u nkunu nnovvativi.Minn dan is-seminar ħarġu tlett pilastri ewlenin - Insaħħu li għandna, Inkattru l-Kultura Maltija u Inkunu Inklussivi.

Introduzzjoni:

L-Għan: L-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Ħamrun

L-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni Ħamrun hija għaqda volontarja, awtonima u mhux imwaqqfa għal skop ta' profitt. L-għanijiet tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni huma:
i. tagħlim teoretiku u prattiku tal-mużika strumentali

ii. tixrid tal-mużika qalb nies ta' kull eta'.

iii. Parteċipazzjoni mużikali fil-Festa Titulari tal-Parroċċa iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni fil- Ħamrun

iv. Promozzjoni t'attivitajiet edukattivi, kulturali, soċjali, reliġjużi jew sportivi qalb il-membri.

v. Is-sostenn u t-tmexxija tal-banda.

Insaħħu li għandna, Inkattru l-Kultura Maltija, Inkunu Inklussivi

Insaħħu li għandna:

Huwa mportanti li nibżgħu għal dak li ħallewna ta' qabilna. Dak li akkwistajna ġie permezz ta' tbatija, xogħol u ħafna sagriffiċċju. Ma rriedux ninsew li aħna għandna obbligu li dak li sibna irriedu nibżgħu għalih. Kull membru fil-kumitat jew f'xi sotto kumitat għandu dejjem iżomm dan quddiem għajnejh. Għalhekk matul dawn it-tlett snin irriedu:

• Nelegu kumitat ġdid f' Jannar 2022 li jwassal sal-aħħar tas-sena 2023. Dan il-kumitat iried ikun il-fulkrum tas-Soċjeta li jaħdem u jħeġġeġ lill- oħrajn sabiex l-għaqda tibqa' tahdem qatigħ;

• Inħeġġu membri ġodda sabiex jidħlu fil-kumitat bħala co-opted;

• Nilħqu nies ġodda sabiex jidħlu bħala membri;

• Insibu mezz ta' komunikazzjoni aħjar mal-membri tagħna u nsaħħu l-mezzi tal-informatika li għandna;

• Nibqgħu nieħdu ħsieb is-sede tas-Soċjeta tagħna billi jsir manutenzzjoni kontinwa fejn hemm bżonn;

• Nsebbħu s-sede tas-Soċjeta' sabiex tkun aktar adattata u attrajenti għaż-żminijiet tal-lum;

• Nrawwmu fit-tfal u ż-żgħażagħ l-entużjażmu għall-banda permezz ta' diversi attivitajiet u proġetti;

• Naħdmu fil-qrib mad-Direttur tal-Istitut ta' Fra Diegu sabiex nilħqu t-tfal li huma fl-istitut;

• Naraw li s-sede tagħna dejjem qegħda tiġi aġġornata b'tagħmir ġdid u għamara iktar attrajenti li tilħaq għall-obbligi tal-liġijiet tall-lum il-ġurnata;

• Titwaqqaf sotto kummissjoni sabiex tieħu ħsieb l-ippjanar u l-programm tal-45 sena mit-Twaqqif tas-Soċjeta';

• Nkomplu nattendu u nirrapreżentaw l-għaqda tagħna f'kull attivita' organizzata mill-Kunsill Lokali u mill-Għaqda Każini tal-Banda;

• Nfittxu, napplikaw u nakkwistaw fondi sabiex l-għaqda tagħna tibqa' timxi l'quddiem;

• Nesploraw il-possibilita' li isem il-Banda tagħna jasal lil hin minn xtutna.

Insaħħu li għandna, Inkattru l-Kultura Maltija, Inkunu Inklussivi

Inkattru l-Kultura Maltija:

L-Għaqda Mużikali twaqqfet sabiex dejjem iġġib il-quddiem il-Festa li hija pilastru ewlieni fil-Kultura' Maltija. Dan l-għan iried jibqa' dejjem quddiem għajnejna u ma rriedu qatt li ninsewh. Jekk jiġri dan ikun ħasra għax nitilfu l-identita' tagħna. Għalhekk matul it-tlett snin li ġejjien irriedu naraw li bħala Soċjeta Mużikali nkomplu nkattru l-impenn tagħna sabiex innisslu iktar sens ta' interess u nkorraġiment lejn il-Kultura tagħna.
Għalhekk matul dawn it-tlett snin irriedu:

• Nkomplu naħdmu id' f'id mal-Għaqda Każini tal-Banda sabiex naraw il-FESTA Maltija meqjuża bħala Wirt Intanġġibli Dinji mal-UNESCO;

• Nkomplu ngħallmu l-mużika b'xejn lit-tfal u Żgħażagħ tagħna inkluż persuni b'nazzjonalita' mhux Maltija;

• Naħdmu mal-Awtorita' tat-Turiżmu u nieħdu sehem f' attivitajiet organizzati apposta;

• Navaraw u nlestu (dejjem skond il-finanzi li jkollna) l-planċier tal-Festa li ser ikun ta' pjattaforma sabiex jgħolli l-Mużika u l-Kunċerti f' livell għola;

• L-Aljevi tagħna ntuhom pjattaforma usa u lil hin mill-Ħamrun permezz tal-fondi tal-Erasmus u l-European Voluntary Service. B'hekk niġbdu iktar aljevi lejna.

• Naħdmu ma' organizzajonijiet oħrajn fil-Ħamrun bħall-GIFRA u l-Ħamrun Spartans sabiex nippromowvu dak li tagħmel is-Soċjeta tagħna u niġbdu iktar Żgħażagħ lejna;

• Nikkoperaw ma' baned oħra kemm lokali u barranin sabiex inkabbru l-għarfien fuq il-kultura tagħna filwaqt li nitgħallmu minn ħaddieħor.

Insaħħu li għandna, Inkattru l-Kultura Maltija, Inkunu Inklussivi

Inkunu Inklussivi

Aħna nemmnu li jekk mhux ser naraw kif ninvolvu iktar nies nistgħu mmutu u nagħlqu l-bibien tagħna. Il-popolazzjoni tal-Ħamrun qegħda dejjem tikber fl-eta iżda qed tikber ukoll fin-numru permezz ta diversi barranin li ġew joqgħodu magħna. B'hekk is-Soċjeta' tagħna trid tara kif ser tilħaq dawn in-nies. Min naħa l-oħra it-tfal u Żgħażagħ tagħna għandhom ħafna attivitajiet oħra ta' divertiment u passatempi. Irriedu naħdmu flimkien sabiex nuru li l-BANDA u t-tagħlim tal-Mużika jista joffri sodisfazzjoni u jbiegħed lil dak li jkun mill-vizzji koroh li sfortunatament dejjem qegħdin jiżdiedu.

Għalhekk matul dawn it-tlett snin irriedu:

• Nagħtu spazju lil min hu vulnerabli, anzjan u b'diżabilita' sabiex jieħu sehem fl-attivitajiet ta' matul is-sena;

• Norganizzaw proġetti addatati għall-persuni b'diżabilita';

• Norganizzaw proġetti addatati għall-persuni barranin;

• Nipparteċipaw f'attivitajiet b'għan Soċjali bħal Fun Run sabiex dejjem noffru sapportu għajnuna f'kawzi ġusti';

• Noffru l-għajnuna finanzjarja lil xi Għaqda mhux Governattiva sabiex ngħinu bil-ftit tagħna lil ħaddiehor li jkun fil-bżonn;

• Nikkolaboraw ma' Villa Bianca Music School fi ħdan il-Malta Trust Foundation sabiex l-istudenti jkollhom pjattaforma dwar is-Soċjetajiet tal-Banda;

• Noffru l-propjeta tagħna għall-attivitajiet socjali fil-Ħamrun;

• Nagħtu l-ispazju u s-Sala tagħna lill-Għaqdiet li m'għandhomx fejn jiltaqgħu;

• Noffru l-binja tagħna sabiex jiġu offruti Servizzi governattivi fil-Ħamrun.

Insaħħu li għandna, Inkattru l-Kultura Maltija, Inkunu Inklussivi

Għeluq

Dan il-programm operattiv jista jiġi mplimentat permezz tal-motivazzjoni tal-membri tal-Kumitat u tal-Membri, permezz tal-għajnuna teknika u finanzjarja u kif ukoll bis-sapport tal-Gvern Ċentrali. Il-Kumitat ser jaħdem qatigħ sabiex inkomplu mmexxu l'quddiem is-Soċjeta tant għażiża tagħna sabiex bħal ma kellha passat glorjuż ikollha wkoll futur b'saħħtu u sod għal dawk li ser jiġu warajna. Dan il-programm ġie approvat fil-25 ta' Jannar 2022 fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat il-Ġdid tas-Soċjeta' għas-snin 2022-2023. Minn hawn nistiednu lill-Membru u ammiraturi tas-Soċjeta' tagħna sabiex flimkien mal-Kumitat eżekuttiv naħdmu id f'is sabiex inwettqu pjan ta' tlett snin u fl-aħħar niċċelebraw il-45 Anniversarju tas-Soċjeta' tagħna propju fl'2024.

Laqgħa Ġenerali Elettiva 2022

Fil-Laqgħa Ġenerali Elettiva li saret nhar il-25 ta' Jannar 2022, il-kumitat ħatar lis-Sur Simon Spiteri bħala Membru Attiv tas-sena u lis-Sur Robert Farrugia bħala Membru Onorarju. Il-kumitat il-ġdid inħatar b'vot unanimu minħabba li ħarġu biżżejjed membri sabiex jimtlew il-karigi kollha tal-kumitat, u għal dan il-fatt ma kienx hemm bżonn li tinħatar Kummissjoni Elettorali u ssir elezzjoni. Irridu ngħidu wkoll li għalkemm sar ħafna xogħol fil-każin is-soċjeta' rnexxielha ġġemma għall-futur tagħha. B'hekk nistgħu ngħidu li llum għandna Surplus fil-kontijiet tas-soċjeta', u dan grazzi għall-ħidma bil-għaqal li ħadem biha l-kumitat preċedenti.

Is-Soċjeta' tagħna għadha kif ibbenefikat minn fondi sabiex jitwettaq il-proġett tal-Arkivju artistiku sabiex jitpoġġa fis-sede' tas-Soċjeta'. Dan l-arkivju huwa fuq disinn tas-sur Simon Spiteri u dalwaqt ser jibda x-xogħol fuqu.

Il-kumitat jixtieq jirringrazzja lill-Kunsill Malti għall-Arti, li permezz tal-Iskema ta' Finanzjament Artistiku għall-għaqdiet tal-Ghaqdiet Mużikali u Soċjali, kif ukoll lill-Onorevoli Ministru José Herrera u lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali li kienu minn ta' quddiem sabiex jgħinu soċjetajiet bħal tagħna.

Inħarsu 'l quddiem biex niġġeddu

Insaħħu dak li ksibna maż-żmien

Lejn il-45 Sena

ARKIVJU GDID

www.bandakuncizzjoni.org

Dan il-proġett huwa mgħejun mill-Kunsill Malti għll-Arti

Proġett Ċodda fil-każin tagħna

Stairlift ġdid, ġie nstallat u nawgurat nhar it-18 ta' Jannar 2022 mill-Ministru Dr. Julia Farrugia Portelli, wara li ħadna fondi mill-"Festi nklussivi 2021",taħt il-Ministeru għall-Inklużjoni, Kwalita' tal-Ħajja u Organizżazzjonijiet Volontarji. L-ispiża kienet ta' 'il fuq minn 6800 Ewro liema spiża l-każin ma ħareġ xejn.

Proġett ieħor huwa t-tibdil fil-faċilitajiet sanitarji tal-Bar tal-każin fis-sular t'isfel. Bi spiża ta 'il fuq minn 5000 Ewro il-kumitat ser jagħmel aktar aċċessibbli sservizzi sanitarji tal-każin. Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-klima u Ippjanar u l-Ministru Aaron Farrugia, taħt l-iskema Irrestawra l-Każini 2021

Proġett Ċodda fil-Każin tagħna



Wara li ġejna assenjati l-pannelli fotovoltajiċi mill-Gvern Ċentrali, kien imiss li ssir l-istruttura tal-ħadid għal taħthom. Dan ix-xogħol ser isir mis-sur Alan Gatt u l-ispiza ser tilħaq 'l fuq minn 3000 Ewro. Din l-ispiża ser tkun ffinanzjata wkoll mill-fond Development Planning Fund mill-Planning Authority. Grazzi għall-Ministru Aaron Farrugia għall-għajnuna.





Proġett ieħor li ser jibda x-xogħol dalwaqt huwa r-restawr tal-faċċata tal-Każin. Wara li applikajna għall-fondi sabiex il-faċċata tiġi restawrata, issa kien jonqos il-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Permess ħareġ u bħalissa qed nevalwaw t-tenders. Hija xewqa tal-Kumitat li dan il-Proġett jkun lest sal-Festa 2022 meta tiġi nawgurata.

Kif qed taraw fil-pjanti hemm il-ħsarat fil-faċċata u d-dawl kif huwa propost li jsir.

Din il-Wirja, hija waħda minn tlieta li l-Kumitat kommess li jorganiżża fil-każin matul din is-sena. Dan wara li applikajna u ġejna mgħotija 5000 Ewro f'fondi mill-iskema "Freedom to live Scheme", taħt il-Ministeru għall-Inklużjoni, Kwalita' tal-Ħajja, Inklużjoni u Organizzazzjonijiet Volontarji.

Mill-banda l-oħra l-Kunċert Funebru ser jkun ffinanzjat mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Grazzi wkoll għall-ħidmet il-Kunsill Lokali Ħamruniż.

It-Tnejn 12 u t-Tlieta 13 t'April 2022: (mis-7pm l'quddiem)

Għall-ewwel darba, ser jiġu organizzato żewġ Serati Mużiko-Letterarji bis-sehem ta' diversi Awturi Maltin, quddiem il-Każin. Kulħadd mistieden. Sabiex nidħlu aktar fl-atmosfera ser ssir fjakkolata fi Pjazza Kappillan Muscat.

Strumenti Ġodda

"Kunċizzjoi goes Ethnic", huwa proġett ieħor li mbarkajna għalih, permezz ta' Fondi mill-lAġenzija Żgħażagħ. Kwalifikajna għall-2500 Ewro sabiex jinxtraw Strumenti Mużikali u sabiex jsir tagħlim lill-Persuni barranin. Fil-Kunċert tal-Festa ser jiġu mistiedna sabiex jdoqqu flimkien mal-Banda tagħna. Dettalji atar tard.

Banda Portugiża

Fost l-oħrajn ser jkollna fostna diversi mużiċisti mill-Portugal. Bħalissa qed jsiru l-aħħar arranġamenti sabiex delegazzjoni ta' Mużiċisti mill-Portugal jiġu jdoqqu Malta propju fil-Festa li ġejja. Dan ukoll huwa proġett ieħor li kellna f'moħħna matul s-snin u issa bdejnieħ u jekk Alla jrid f'Lulju 2022, ħolma oħra ssir Rejalta'.Dettalji aktar tard.

Cafe' - Launge - Bar

Bħalissa għaddejjin l-arranġamenti mal-Barman l-ġdid sabiex jerġa' jiftaħ l-bibien għall-pubbliku. Barra dan il-kumitat ħaseb sabiex jirrinova l-bar billi jattrezzaħ bl-aħjar mod, jżejnu aktar u ngħamlu RE-BRANDING tiegħu. Issa l-bar tal-każin ser ikollu wiċċ ġdid, isem ġdid u barman ġdid. Nitolbukom sabiex tmexxu l-kelma u tersqu aktar lejn il-każin f'atmosfera ferrieħijja u akkoljenti.

Isem u Kunjom:

_____

Indirizz:

_____

_____

_____

Kuntatt:

_____

e-mail:

_____

Strument li Tixtieq Titgħallem:

_____

Għina nilħqu it-3000



Għina nżidu isem il-każin billi tidħol fil-paġna uffiċjali ta' Facebook tal-Każin u għamel like. Jekk taf b'xi persuni li għadhom mhumiex ħbieb magħna ibaghtilhom invit.